# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu,2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 16/01mm**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera assikuratrici Norwich Union International Insurance Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Alfred Vella sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Alfred Vella**

**vs**

**Peter Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-8 ta' Jannar 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm274.25c jew kull somma ohra verjuri danni subiti mill-atturi in segwitu ghall-incident stradali li gara fit-3 t'Awissu

2000 gewwa l-Gudja bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni FBC 594 proprjeta' tal-attur Alfred Vella u assikurata b'polza *comprehensive* mas-socjeta' attrici u l-vettura numru ta' registrazzjoni CAA 941 misjuqa mill-konvenut u ghal liema ncident kien jahti unikament l-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolament tat-traffiku u dan prevja d-dikjarazzjoni li ghall-incident imsemmi kien jahti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Dicembru 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi huwa ma ghandu jaghti xejn lill-atturi stante illi huwa ma kkaguna l-ebda ncident awtomobilistiku izda kien anzi hu li sofra danni kagun tal-imperizja, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti da parti tal-attur assikurat u f'dan ir-rigward jirriserva d-drittijiet tieghu;

2. Illi inoltre u bla pregudizzju s-somma mitluba mill-atturi hija ezagerata u ma ssib l-ebda riskontru fir-realta;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, illi in kwantu li s-somma mitluba mill-atturi tinkludi ammont ta' "excess" imhallsa lill-kumpanija attrici mill-attur assikurat din ma hijiex responsabbilta tal-konvenut u dan skond sentenzi tal-Qrati taghna.

4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara mar-*roundabout* tal-Gudja qabel ma tghaddi ghall-ajruport fit-3 t'Awissu 2000 ghal habta tas-sebgha tal-filghaxija bejn il-karozza FBC 594 u misjuqa minn Alfred Vella u van transit CAA 941 misjuq mill-konvenut Peter Busuttil. Iz-zewg vetturi kienu magemb xulxin. Alfred Vella ried ikompli jdur mar-roundabout u l-konvenut ried jitlaq ir-roundabout biex imur lejn iz-Zurrieq. Peress illi dawn id-direzzjonijiet kienu ser igaghlu lill-vetturi jinkrocjaw lil xulxin, gara illi hekk kif hadu d-direzzjonijiet rispettivi taghhom habtu u sar l-incident.

Ikkunsidrat:

Alfred Vella xehed illi huwa kien qieghed isuq il-karozza tieghu fuq l-*inner lane* u waqaf ma' l-*stop sign.* Magembu fuq il-lemin kien hemm il-konvenut. Hekk kif it-triq giet libera mit-traffiku, huwa hareg l-ewwel u xeghel l-indicator biex jindika li ser idur mar-*roundabout*. Hekk kif beda jdur, il-konvenut li kien fuq

il-lemin tieghu, ddecieda li jbiddel il-lane u gibed lejn ix-xellug u baqa diehel fih. Il-karozza ta' l-attur kellha hsarat fuq il-bieba ta' wara, n-nahha tal-lemin. L-attur ighid illi huwa ried idur kompletament mar-*roundabout* biex imur lura Hal Qormi.

Minn nahha l-ohra, Peter Busuttil a fol 38 ighid illi huwa kien qed isuq il-van transit u ried idur mar-*roundabout* biex imur taht il-mini illi jaghtu ghall-fabbrika SGS, wasal fuq l-*stop sign* u waqaf u fuq ix-xellug tieghu kien hemm karozza ohra. Hekk kif bdew mexjin, huwa xeghel l-*indicator* biex jindika li ser idur lejn ix-xellug fid-direzzjoni taz-Zurrieq, ha din id-direzzjoni, izda f'daqqa wahda ra l-vettura l-ohra taqsam minn quddiemu, ghafas il-brake u dawwar l-*steering* pero' ma setax jevita l-impatt.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib illi ghandha x'ticcensura fis-sewqan taz-zewg sewwieqa nvoluti. Jidhru illi dawna ppustjaw il-vetturi taghhom hazin meta avvicinaw ir-*roundabout*. Jekk Alfred Vella ried idur kompletament mar-*roundabout* kien ikun f'posizzjoni ahjar kieku pogga l-vettura tieghu fuq in-nahha tal-lemin biex hekk kif jaqbad ir-roundabout ma jkollu hadd jostakolalu t-triq tieghu.

Peter Busuttil minn naha l-ohra ried jitlaq ir-*roundabout* biex idur lejn ix-xellug, fliema kaz, allura ma messux pogga l-vettura tieghu f'posizzjoni illi jinkrocja t-triq ta' vetturi ohra biex jiehu din id-direzzjoni illi ghazel. Barra minn hekk, kif huwa bejn saput

mhux bizzejjed li tixghel l-indicator, imma s-sewwieq ghandu jassigura illi dan il-messag ikun wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq. Iz-zewg sewwieqa qalu li xeghlu l-indicators u bdew mixjin, imma hadd minnhom ma accerta ruhu mill-mirja illi ma hemmx karozzi illi jistghu jostakolaw din il-manuvra. Il-fatt li ostakolaw lil xulxin hija konsegwenza naturali tad-direzzjoni illi huma hadu, illi bdiet hazin minhabba l-posizzjonijiet irregolari illi s-sewwieqa hadu qabel ma bdew jinnegozjaw ir-roundabout u spiccat hazin b'dan l-incident meta nkrocjaw il-perkors ta' xulxin. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandhom ikunu responsabbli z-zewg sewwieqa fi grad ugwali bejniethom.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' mija u sebgha u tletin lira u tnax-il centezmu (Lm137.12c) danni subiti mill-atturi in segwitu ghall-incident stradali li gara fit-3 t'Awissu 2000 gewwa l-Gudja bejn il-vettura numru FBC 594 proprjeta' tal-attur Alfred Vella u assikurata mas-socjeta' attrici u l-vettura numru ta' registrazzjoni CAA 941 misjuqa mill-konvenut, ghal liema ncident jahtu z-zewg sewwieqa fi kwoti wgwali bejniethom minnhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz illi ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg